Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,713, 21 ta' Marzu, 1980

Taqsima B

A.L. 31 ta ' l-1980

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP.58

Regolamenti ta' l-1980 dwar id-Drittijiet (Ħruġ u Tiġdid ta' Karti għall-Għaddasa)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar id-Drittijiet (Ħruġ u Tiġdid ta' Karti għall-Għaddasa). Titolu.

2. Għandu jitħallas lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, dwar l-ewwel ħruġ ta' karta għall-għaddasa, u kull sena wara kull tiġdid tagħha, dritt ta' lira (£1). Ġbir ta' dritt.

3. Għandha titwaħħal fuq kull applikazzjoni għall-għoti ta' karta għall-għaddasa, taxxa tal-boll ta' seba' ċenteżmi u ħames milleżmi. Taxxa tal-boll.

4. Kull karta tkun valida sal-wieħed u tletin ta' Diċembru ta' kull sena li fiha tinħareġ jew tiġġedded. Validità tal-karta.